

Brussell, 18 ta' Settembru 2026
(OR. en)

13416/26

POLCOM 340
SERVICES 58
COLAC 117

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	18 ta' Settembru 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 486 final
Suġġett:	Rakkomandazzjoni għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal ftehim dwar il-kummerċ diġitali mal-Costa Rica

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 486 final.

Mehmuż: COM(2026) 486 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.9.2026
COM(2026) 486 final

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal ftehim dwar il-kummerċ diġitali mal-Costa Rica

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Id-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija tbiddel l-iskala, l-ambitu u l-veloċità tal-kummerċ internazzjonali. Dan jippermetti li n-negozji jilhqqu u jbigħu oġġetti u servizzi lil għadd akbar ta' klijenti madwar id-dinja u jtejjeb ħafna l-għażla tal-konsumatur. Dan jippermetti wkoll li n-negozji jużaw għodod diġitali ġodda u innovattivi biex jegħlbu l-ostakli għat- tkabbir. B'mod partikolari l-intrapriżi ż-żgħir u ta' daqs medju (SMEs) jibbenefikaw minn dawn l-opportunitajiet u jistgħu jsiru aktar integrati fil-ktajjen tal-valur globali.

Il-kummerċ fl-oġġetti u s-servizzi b'mezzi elettroniċi ("il-kummerċ diġitali"¹) qed jikber fl-importanza fuq skala globali. Il-kummerċ diġitali jinkludi kemm il-konsenja fiżika ta' oġġetti u servizzi li x-xiri tagħhom huwa attivat b'mod diġitali (bħax-xiri ta' ktieb permezz ta' pjattaforma tal-internet) kif ukoll il-konsenja diġitali ta' oġġetti u servizzi (bħal software, kotba elettroniċi jew flussi tad-data), li jinvolvu kemm tranżazzjonijiet minn negozju għal negozju kif ukoll tranżazzjonijiet bejn in-negozji u l-konsumaturi. Ġie stmat li l-Kummerċ Diġitali jammonta għal madwar 25 % tal-kummerċ internazzjonali kollu u qed jikber b'rata aktar mgħaġġla mill-kummerċ tradizzjonali. L-UE hija l-mexxejja dinjija kemm fl-esportazzjonijiet kif ukoll fl-importazzjonijiet ta' servizzi li jistgħu jiġu kkunsinnati b'mod diġitali, li ammontaw għal EUR 1,7 triljun fl-2024, jew 58 % tal-kummerċ totali tal-UE fis-servizzi.

F'Diċembru 2024, 71 membru tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ("WTO") ikkonkludew negozjati għall-Ftehim dwar il-Kummerċ Elettroniku ("ECA"). Fit-28 ta' Marzu 2026, 67 membru tad-WTO, inklużi l-Unjoni Ewropea u l-Costa Rica, ikkonfermaw l-intenzjoni tagħhom li jimplimentaw l-ECA malajr kemm jista' jkun, soġġett għat-tlestija tal-proċeduri interni rispettivi tagħhom. Il-parteċipazzjoni tal-UE u tal-Costa Rica tindika l-allinjament wiesa' dwar kwistjonijiet ewlenin rilevanti għall-kummerċ diġitali kif ukoll l-appoġġ kondiviż għal qafas ta' standard għoli.

L-UE u l-Costa Rica huma sħab mill-qrib, bir-relazzjoni ekonomika tagħhom mirfuda mill-pilastru kummerċjali tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Amerka Ċentrali, li ilu jiġi applikat b'mod proviżorju mill-1 ta' Ottubru 2013 u li daħal fis-seħħ bis-sħiħ fl-1 ta' Mejju 2024. Il-Costa Rica hija waħda mill-aktar ekonomiji diġitalment avvanzati u innovattivi fl-Amerka Latina, b'settur tas-servizzi b'saħħtu, ekonomija diġitali li qed tikber u ekosistema stabbilita sew għall-manifattura ta' valur għoli u għas-servizzi tan-negozju. Mill-applikazzjoni proviżorja tal-pilastru tal-kummerċ, il-kummerċ tas-servizzi bilaterali kiber ukoll b'mod rapidu, bl-esportazzjonijiet tal-UE ta' servizzi lejn il-Costa Rica jiżdiedu b' 280 % u l-importazzjonijiet b' 281 % bejn l-2013 u l-2024². Il-Costa Rica saret ukoll destinazzjoni attraenti għall-investment Ewropew, b'mod partikolari fit-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni. Il-kummerċ bilaterali jirrifletti dejjem aktar it-tranżizzjoni tal-Costa Rica lejn manifattura ta' valur għoli, bi prodotti mhux agrikoli li jammontaw għal madwar żewġ terzi tal-esportazzjonijiet tal-pajjiż lejn l-UE fl-2025.³

¹ Internazzjonalment it-terminu spiss jintuża b'mod interkambjabbli mal-"kummerċ elettroniku".

² Eurostat [International trade in services \(since 2010\)](#).

³ Eurostat [EU trade since 1988](#).

In-negozjar ta' regoli ambizzjużi dwar il-kummerċ diġitali mal-Costa Rica għandu potenzjal sinifikanti biex ikompli jiffaċilita l-kummerċ diġitali transfruntier bejn l-UE u l-Costa Rica, inaqas l-ostakli regolatorji, joħloq opportunitajiet ġodda għan-negozji tal-UE, b'mod partikolari l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, u jsaħħaħ il-fiduċja tal-konsumatur fl-ekonomija diġitali.

Din ir-rakkomandazzjoni hija ppreżentata lill-Kunsill skont l-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) sabiex il-Kummissjoni tirċievi awtorizzazzjoni biex tiftaħ negozjati bilaterali mal-Costa Rica għal ftehim dwar il-kummerċ diġitali, biex tipprovdi direttivi ta' negozjar, u biex taħtar lill-Kummissjoni bħala negozjatur. Id-direttivi ta' rakkomandazzjoni u ta' negozjati li ġew proposti għandhom l-għan li jiżguraw li l-UE tkun f'pożizzjoni li tinvolvi ruħha fin-negozjati mal-Costa Rica dwar kwistjonijiet tal-kummerċ elettroniku propost minn dawn il-partijiet matul in-negozjati, b'rispett sħiħ lejn l-acquis tal-UE, inkluż il-qafas għall-protezzjoni tad-data personali, u lejn l-għażliet ta' politika tal-UE fin-negozjati kummerċjali. L-oġettivi tal-UE tan-negozjati huma li jissaħħaħ il-kummerċ diġitali bilaterali, jiġu ffaċilitati l-operazzjonijiet tan-negozji, inklużi l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju u li tissaħħaħ il-fiduċja tal-konsumaturi fl-ambjent online.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

L-inizjattiva tibni fuq it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) li jistipula li jenħtieġ li l-UE “tinkoraġġixxi l-integrazzjoni tal-pajjiżi kollha fl-ekonomija dinjija, permezz tat-tneħħija progressiva tar-restrizzjonijiet fuq il-kummerċ internazzjonali”.

Din l-inizjattiva hija konsistenti mal-Boxxla għall-Kompetittività tal-UE, li tiddekrivi fil-qosor strateġiji għad-diversifikazzjoni u t-tisħiħ tal-ktajjen tal-provvista billi tiġi żviluppata firxa ġdida ta' sħubijiet għal kummerċ u investiment nodfa.⁴

Hija tallinja wkoll mal-approċċ Strateġiku tal-UE biex tissaħħaħ is-sigurtà ekonomika tal-Ewropa, li jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni ma' sħab tal-istess fehma madwar id-dinja, kemm bilateralmment kif ukoll multilateralmment.⁵

L-inizjattiva hija konsistenti mal-Istrateġija Diġitali Internazzjonali li tiddikjara li l-kompetizzjoni globali li għaddejja għas-supremazija teknoloġika, l-ebda nazzjon individwali ma jeċċella f'kull aspett tal-katina tal-valur tat-teknoloġija. Ix-xenarju qed jevolvi b'mod kostanti minħabba l-innovazzjoni u l-kompetizzjoni. Għalhekk, il-kollaborazzjoni u l-kummerċ internazzjonali ma' sħab u alleati ewlenin, flimkien ma' strateġiji effettivi ta' diversifikazzjoni u ta' ġestjoni tar-riskju, huma essenzjali għall-avvanz tal-oġettivi teknoloġiċi u diġitali tal-UE.⁶

Hija konsistenti mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Amerka Ċentrali u tikkomplementah, u dan diġà saħħaħ u lliberalizza r-relazzjonijiet tal-kummerċ bilaterali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Costa Rica, iżda ma jipprevedix regoli komprensivi dwar il-kummerċ diġitali.

Waqt in-negozjati tagħha dwar il-kummerċ ħieles l-UE sistematikament tipproponi parametri legali regolatorji ambizzjużi. Id-direttivi ta' negozjati proposti jsegwu approċċ konsistenti l-

⁴ Il-Kummissjoni Ewropea. Il-boxxla għall-kompetittività. [Il-boxxla għall-kompetittività - Il-Kummissjoni Ewropea](#).

⁵ JOIN(2025) 977 final (3.12.2025).

⁶ JOIN(2025) 140 final (5.6.2025).

istess kif l-UE wettqet fin-negozjati reċenti tagħha dwar id-DTA ma' Singapore u l-Korea t'Isfel⁷, u n-negozjati li għaddejjin mal-Kanada⁸. Bl-istess mod, id-direttivi ta' negozjar proposti jsegwu l-approċċ segwit għall-kapitoli diġitali tan-negozjati tal-“FTA” (Ftehim ta' Kummerċ Fieles), inkluż kif ġie konkluż l-aktar reċentement mal-Indja fl-FTA bejn l-UE u l-Indja, l-Indoneżja fil-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Komprensiv (CEPA, Comprehensive Economic Partnership Agreement) bejn l-UE u l-Indoneżja, mal-Awstralja, fl-FTA bejn l-UE u l-Awstralja, kif ukoll mar-Renju Unit fil-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit, maċ-Ċili fil-Ftehim Qafas Avvanzat bejn l-UE u ċ-Ċili, u ma' New Zealand għall-FTA bejn l-UE u New Zealand.

L-inizjattiva hija konsistenti wkoll man-negozjati preċedenti dwar il-kummerċ elettroniku fost il-membri tad-WTO u l-Ftehim plurilaterali dwar il-Kummerċ Elettroniku li jirriżulta minnhom.⁹

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Id-direttivi tan-negozjati jibnu fuq il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-suq intern fil-qasam tal-kummerċ diġitali u huma kompletament konformi magħha. Id-direttivi tan-negozjati proposti jikkonfermaw ukoll li kwalunkwe regola jew impenn maqbul mill-UE jenħtieġ li jkun konformi mal-qafas legali tal-UE u jenħtieġ li jippreserva l-ispazju ta' politika meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE. Huma konsistenti mad-Dikjarazzjoni dwar id-drittijiet u l-prinċipji diġitali Ewropej kif iffirmata mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea fil-15 ta' Diċembru 2022, li l-UE għandha l-għan li tippromwovi fir-relazzjonijiet tal-kummerċ internazzjonali tagħha.¹⁰ Dan huwa allinjat mal-oġettivi stabbiliti mill-Istrateġija Diġitali Internazzjonali tal-UE biex tiggwida t-trasformazzjoni diġitali tal-Ewropa globalment.

Il-parametri legali proposti mill-UE fin-negozjati bilaterali jibnu fuq il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-suq intern fil-qasam tal-kummerċ diġitali u hija kompletament konformi magħha.

Id-direttivi ta' negozjati proposti jikkonfermaw li kwalunkwe regola jew impenn maqbul mill-UE jenħtieġ li jkun konformi mal-qafas legali tal-UE.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

Il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati tal-ftehim previst hija l-Artikolu 218(3) u (4) tat-TFUE.

L-Artikolu 218(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi li, meta l-ftehim inkwistjoni ma jkunx jikkonċerna esklużivament jew prinċipalment il-politika estera u ta' sigurtà komuni, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill. Il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati u li tinnomina n-negozjatur tal-Unjoni jew il-kap tat-tim tan-negozjati tal-Unjoni.

L-Artikolu 218(4) TFUE jipprevedi li l-Kunsill jista' jindirizza direttivi ta' negozjati lin-negozjatur u jaħtar kumitat speċjali li b'konsultazzjoni miegħu jridu jsiru n-negozjati.

⁷ COM(2023) 230 final 9 (14.4.2023).

⁸ COM(2025) 480 final (10.9.2025).

⁹ <https://www.consilium.europa.eu/media/39504/st08993-en19.pdf>.

¹⁰ Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali 2023/C 23/01, ĠU C 23, 23.1.2023, p. 1-7.

Il-Kummissjoni tirrakkomanda li jinfetħu negozjati bejn l-Unjoni Ewropea u l-Costa Rica għal ftehim internazzjonali relatat mal-kummerċ diġitali. Il-Kummissjoni għandha tiġi nnominata bħala negozjatur.

- **Bażi legali sostantiva**

Dan l-att jaqa' taħt il-politika kummerċjali komuni u għalhekk il-bażi legali sostantiva hija l-ewwel subparagrafu ta' 207(4) tat-TFUE.

- **L-għażla ta' negozjatur**

Peress li l-ftehim previst ikopri esklużivament materji oħra minbarra l-Politika Ewropea u ta' Sigurtà Komuni, il-Kummissjoni għandha tinħatar bħala n-negozjatur skont l-Artikolu 218(3) TFUE.

- **Kompetenza tal-Unjoni**

Dan l-att jaqa' taħt il-politika kummerċjali komuni skont l-Artikolu 207 TFUE. Għalhekk jaqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 3(1) TFUE.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Skont l-Artikolu 5(3) tat-TUE, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax fl-oqsma tal-kompetenza esklużiva tal-UE. Il-politika kummerċjali komuni hija qasam ta' kompetenza esklużiva tal-Unjoni skont l-Artikolu 3 tat-TFUE.

- **Proporzjonalità**

Din l-inizjattiva ma tmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu l-oġettivi ta' politika inkwistjoni.

- **Għażla tal-istrument**

Din ir-rakkomandazzjoni għal deċiżjoni tal-Kunsill qed titressaq f'konformità mal-paragrafi 3 u 4 tal-Artikolu 218 TFUE, li jipprevedu l-adozzjoni mill-Kunsill ta' deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati u n-nomina tan-negozjatur tal-Unjoni. Il-Kunsill jista' jindirizza wkoll id-direttivi ta' negozjati lejn in-negozjatur. Ma jeżisti l-ebda strument legali ieħor li jista' jintuża sabiex jintlaħaq l-oġettiv espress f'din ir-rakkomandazzjoni.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux applikabbli.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux applikabbli.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Ma saritx valutazzjoni tal-impatt peress li huwa partikolarment diffiċli li jitkejjel l-impatt ekonomiku tal-inizjattiva meta mqabbel mas-sitwazzjoni eżistenti, peress li r-regoli dwar il-kummerċ diġitali previsti se jiffaċilitaw ir-relazzjonijiet tal-kummerċ bilaterali li diġà ġew liberalizzati u msaħħa mill-pilastru tal-kummerċ eżistenti tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tal-UE u l-Amerka Ċentrali. Il-pilastru tal-kummerċ, li ilu japplika fir-rigward tal-Costa Rica mill-1 ta' Ottubru 2013, diġà jinkludi dispożizzjonijiet komprensivi dwar l-aċċess għas-suq għall-kummerċ kemm fl-oġġetti kif ukoll fis-servizzi, iżda huwa nieqes minn dispożizzjonijiet dwar il-kummerċ diġitali. Għalhekk, l-inizjattiva primarjament se jkollha impatt f'termini tal-għoti ta' ċertezza legali addizzjonali lill-operaturi involuti fil-kummerċ diġitali fis-setturi liberalizzati. Barra minn hekk, il-kamp ta' applikazzjoni għal approċċi alternattivi huwa limitat, peress li l-parametri legali maħsubin għan-negożjati huma simili ħafna għal dawk diġà inklużi fil-Ftehimiet dwar il-Kummerċ Diġitali ma' Singapore u l-Korea, u bħalissa qed jiġu nnegożjati mal-Kanada, kif ukoll il-Ftehim tad-WTO dwar il-Kummerċ Elettroniku.

Kwalunkwe proposta sostantiva addizzjonali li l-partijiet l-oħra jistgħu jagħmlu ma tistax tiġi identifikata u vvalutata ex ante. L-inizjattiva ma tinkludix pjan ta' implimentazzjoni f'dan l-istadju, peress li l-ispeċifikitajiet se jkunu ċari biss mal-konklużjoni tan-negożjati.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

L-inizjattiva tirrispetta bis-sħiħ il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 8 dwar il-protezzjoni tad-data personali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-inizjattiva ma għandhiex implikazzjonijiet baġitarji.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

In-negożjati huma mistennija li jkopru perjodu sal-2028, u wara dan jistgħu jsejtnu l-iffirmar u l-konklużjoni tal-ftehimiet dwar ir-regoli tal-kummerċ diġitali.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Id-dispożizzjonijiet għandhom l-għan li jirrakkomandaw li l-Kunsill jadotta deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ tan-negożjati u li tinnomina n-negożjatur tal-Unjoni. Il-Kunsill jista' jindirizza direttivi lin-negożjatur.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal ftehim dwar il-kummerċ diġitali mal-Costa Rica

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Unjoni Ewropea u l-Costa Rica għandhom relazzjoni ekonomika profonda u dinamika. Il-Costa Rica hija sieħeb kummerċjali importanti tal-Unjoni Ewropea fir-reġjun tal-Amerika Ċentrali. Il-Pilastru tal-Kummerċ tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Amerika Ċentrali ilu japplika b'mod proviżorju fir-rigward tal-Costa Rica mill-1 ta' Ottubru 2013. Filwaqt li dak il-Ftehim jipprovdi qafas komprensiv għall-kummerċ ta' oġġetti u servizzi bejn il-Partijiet, ma fihx regoli komprensivi dwar il-kummerċ diġitali.
- (2) F'Marzu 2023, l-Unjoni Ewropea u r-reġjun tal-Amerika Latina u l-Karibew (LAC) nedew l-Alleanza Diġitali UE-LAC biex isaħħu l-kooperazzjoni fil-firxa sħiħa ta' kwistjonijiet diġitali u dawk relatati mal-ispazju. F'dak il-qafas, l-Unjoni Ewropea u l-Costa Rica approfondew il-kooperazzjoni tagħhom f'oqsma li jinkludu ċ-ċibersigurtà, l-innovazzjoni diġitali u l-intelliġenza artifiċjali ċċentrata fuq il-bniedem.
- (3) Il-Costa Rica wriet impenn qawwi għat-trasformazzjoni diġitali u l-governanza diġitali internazzjonali, inkluż matul il-Presidenza tagħha tal-Kunsill Ministerjali tal-OECD fl-2025.
- (4) L-Unjoni Ewropea inkorporat b'suċċess ir-regoli dwar il-kummerċ diġitali f'diversi ftehimiet bilaterali ta' kummerċ ħieles ma' pajjiżi terzi, kif ukoll Ftehimiet ta' Kummerċ Diġitali ma' Singapore u l-Korea. Barra minn hekk, in-negozjati dwar Ftehim plurilaterali dwar il-Kummerċ Elettroniku fid-WTO tlestew f'Lulju 2024 u l-Partijiet tiegħu, inklużi l-Unjoni Ewropea u l-Costa Rica, bħalissa qed jieħdu l-passi meħtieġa biex jiżguraw l-applikazzjoni proviżorja tiegħu sakemm jiġi inkorporat fil-qafas legali tad-WTO.
- (5) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta l-opinjoni tiegħu fi [data tal-opinjoni]¹¹.
- (6) Għalhekk, huwa xieraq li l-Kummissjoni tiġi awtorizzata tiftaħ negozjati dwar parametri legali kummerċjali diġitali vinkolanti li huma koerenti ma' dawn il-ftehimiet u li jsegwu l-istess objettivi li l-Unjoni Ewropea biħsiebha tikseb fin-negozjati li għaddejjin,

¹¹ ĠU C [...], [...], p. [...].

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata tinneozja, f'isem l-Unjoni, ftehim dwar il-kummerċ diġitali mal-Costa Rica.
2. In-negożjati għandhom jitwettqu abbażi tad-direttivi ta' negożjati tal-Kunsill stabbiliti fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni hija b'dan innominata bħala n-negożjatur tal-Unjoni.

Artikolu 3

In-negożjati għandhom jitmexxew f'konsultazzjoni mal-kumitat speċjali previst fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 207(3) TFUE.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*